MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 15/2008

**Carmelo Scerri u Mark Scerri**

**vs**

**Thomas Mifsud**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi nhar il-hmistax (15) ta' Jannar 2008 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat minn din il-Qorti, s-somma ta' disat elef erbgha mija tnejn w ghoxrin euro u wiehed u tletin euro centesmu (€9,422.31) jew il-korrispettiv f'liri maltin t'erbat elef hamsa u erbghin lira maltin (LM4,045), liema somma hija dovuta bhala spejjez u drittijiet ta' xoghol ta' qtugh ta' blat, ta' skavar u ta' transport ta' materjal li l-atturi ghamlu meta mqabbda mill-konvenut matul ix-xhur ta' Lulju w Awwissu 2007 fil-fond li jinsab fi Triq Monsinjur Alfons Caruana, Mqabba, u dan skond kif jidher minn kont mahrug mill-Perit Michael Falzon fil-hamsa (5) t'Ottubru 2007, liema

somma l-konvenut irrifjuta li jhallas anke wara li gie nterpellat permezz t'Ittra Ufficcjali Esekuttiva numru 6557/07 datata dsatax (19) ta' Novembru 2007.

Bl-imghax legali b'effett mid-data tal-Ittra Ufficcjali Ezekuttiva datata dsatax (19) ta' Novembru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat flimkien ma dan l-avviz.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha gie mharrek.

Rat ir-risposta ta' Thomas Mifsud fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok w in linea preliminari, l-esponent jecepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur w ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-esponent m'agixxiex f'ismu personali, izda dejjem agixxa ghan-nom w in raprezentanza tas-socjeta 'Dernis Limited' li taghha huwa Direttur.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fl-avviz huwa ferm eccessiv u dan peress illi l-esponent kien diga hallas l-ammont ta' €2323.37 ekwivalenti ghal LM1,000 permezz ta' cekk mahrug minn kont bankarju tas-socjeta 'Dernis Limited' w in oltre, ix-xoghlijiet gew verfikati w imkejla mill-Perit William Lewis li gie imqabbad mill-esponenti, fil-presenza tal-partijiet u l-kont mahrug mill-istess Perit huwa ferm inferjuri ghal dak mitlub fl-avviz.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, nonostante mitluba diversi drabi sabiex jissostanjaw t-talba taghhom, ir-rikorrenti baqghu m'ipproducewx l-ircevuti kollha ta' fejn huma remew il-materjal in kwistjoni hekk kif huma obbligati jaghmlu, liema ricevuti huma essenzjali sabiex jigu ddentifikati l-vjaggi kollha li qed jigi allegat li saru mir-rikorrenti w ghalhekk jigi verifikat ukoll il-kont tal-hlas pretiz mir-rikorrenti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kienu diga ftiehmu dwar ir-rati tax-xoghol, liema rati ma gewx riflessi fir-rapport tal-Perit Michael Falzon li gie mqabbad mir-rikorrenti, oltre il-fatt li qatt ma gie miftiehem li apparti mir-rati miftiehma, r-rikorrenti kellhom jithalsu €2329.37 ekwivalenti ghal LM1,000 ghall-uzu ta' *excavator*, liema ammont jinsab mizjud fit-talba odjerna.

5. Salv kontestazzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 xehed **Thomas Mifsud** fejn mistoqsi jekk veramanet ghandux jaghti s-somma ndikata fir-rikors promotur rappresentanti qtugh ta' blat, jghid li qtugh ta' blat ma kienx hemm. Jghid li xoghlu kien li jhammel u wara jnehhi t-turbazz li jingemgha. Jghid li huwa f'isem is-socjeta 'Dernis Limited', kien qabbad lill-attur Mark Scerri sabiex ighamillu xi xoghol u kienu ftiehmu dwar il-prezz ta' kull vjagg. Jghid li kien qabbdu fuq xoghol iehor u fil-fatt mir-ricevuti li kien irrilaxxja, jidher li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta 'Dernis Limited'. Jikkonferma li mieghu, bhala Direttur fis-socjeta 'Dernis Limited' kien hemm ħuħ Emanuel. Huwa esebixxa kopja tal-Memorandum of Articles ta' din il-kumpanija li gie mmarkat bhala Dok. CSH.

Jghid ukoll bla pregudizzju, li s-somma mitluba fir-rikors ma hiex kollha dovuta, ghaliex effettivament is-socjeta 'Dernis Limited' kienet diga ghamlet xi hlasijiet. Huwa esebixxa kopja ta' cekk li permezz tieghu is-socjeta 'Dernis Limited' kienet ghamlet pagament fl-ammont ta' LM1,000 u dan hareg f'isem Irene Scerri, li hi mart l-attur Mark Scerri u dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok. CSH 2. Esebixxa wkoll kopja tal-kuntratt t'akkwist tal-art li gie mmarkat bhala Dok. CSH 1, xi dokumenti li gew markati bhala Dok. CSH 3 li jindika xoghol simili li l-atturi ghamlu ghalih fuq sit iehor, dejjem f'isem is-socjeta 'Dernis Limited'. Sahanasitra f'dan id-dokument anke il-VAT number tas-socjeta 'Dernis Limited' hemm imnizzel. Jispjega li fuq is-sit fejn sar ix-xoghol in kwisjtoni, kienu ser jinbnew xi garaxxijiet u *flats*.

**Emmanel Mifsud**, il-konvenut xehed fl-istess jum tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 fejn ikkonferma li huwa, flimkien ma ħuħ Thomas, huma d-Diretturi tas-socejta 'Dernis Limited'. Ikkonferma wkoll li kienu qabbdu lill-atturi sabiex inehhu it-turbazz minn fuq sit fi Triq Monsinjur Alfons Caruana, Imqabba. Qal li l-ftehim originarjament sar bejn Thomas Mifsud u Mark Scerri u kienu ftiehmu li ghal kull vjagg kien ser jithallas is-somma ta' LM20 inkluz il VAT. Qal li mbaghad kien mar Mark Scerri ghandu sabiex jithallas u kien talbu ghar-ricevuti tal-vjaggi li kienu saru, izda Mark Scerri gab biss karti ta' hames vjaggi.
Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti u cioe i-Memorandum of Articles minn fejn jirrizulta li l-ahwa Mifsud verament huma Diretturi tas-socjeta 'Dernis Limited' u l-kuntratt redatt minn Nutar Antoine Agius datat sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2007, minn fejn jirrizulta li l-ahwa Mifsud kienu xtraw l-art gewwa l-Imqabba ghan-nom tas-socjeta 'Dernis Limited'.

Rat ukoll il-kopja tac-cekk mahrug f'isem is-socjeta 'Dernis Limited' a favur Irene Scerri u li dan gie prezentat fil-branka tal-Bank of Valletta, f'Bugibba nhar is-sebgha (7) t'Awwissu 2007, jumejn wara il-hrug tieghu.

In kontr'ezami nhar l-hamsa (5) ta' Dicembru 2008, ikkjarifika x-xhieda tieghu w ikkonferma li ta' kull vjagg, huwa kellu jithallas sittin lira minghand l-attur. Ikkonferma wkoll li lil Mark Scerri kien kelmu meta ltaqa mieghu meta kien ma ħuħ. Ikkonferma wkoll li dan Mark Scerri kien ghaddielu numru ta' ricevuti dwar il-maerjal li kien gabar u rema'.

**Thomas Mifsud** xehed nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 u stqarr li qabel ma giet prezentata din il-kawza, kien hemm skambjament t'ittri u l-korispondenza minn naha taghhom kienet issir f'isem is-socjeta 'Dernis Limited' u mhux f'ismu personali. Huwa esebixxa ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghu Dottor Sammut datata dsatax (19) ta' Novembru 2007 li giet immarkata bhala Dok. J. Qal ukoll li kienu zammew xi laqgha, izda ma kienux waslu fi

ftehim. Qal li huwa dejjem tkellem ghan-nom tas-socjeta w anke kull hlas li ghamel, ghamlu f'isem is-socjeta. Huwa esibixxa wkoll ittra ohra datata erbgha w ghoxrin (24) t'Ottubru 2007 li giet immarkata bhala Dok. JC 1. Din it-tieni ittra hija l-ittra li huwa kien irrisponda ghaliha permezz tal-ittra esebita bhala Dok. J.

Ikkonferma li kien hu li kien qabbad lil Mark Scerri jaghmel xi xoghol ta' thaffir bil-*hymac* gewwa l-Imqabba u dan fl-interess tas-socjeta 'Dernis Limited'. Qal li effettivament kien ghamel ix-xoghol u li kien hallsu parti minnu permezz tal-kopja tac-cekk esebit fl-atti. Spjega li l-ftehim li kellhom, kien fis-sens li kellu jithallas is-somma ta' tletin lira ghal gbir tar-rimi u jithallas tletin lira ohra ghar-rimi tieghu. B'hekk kull vjagg kien jiswa sittin lira maltin (LM60).

Rat in-nota tal-atturi esebita fl-atti a fol. 25 li permezz taghha huma pprezentaw erba' dokumenti u cioe Dok. A li huwa *invoice* mahruga minn Mark Scerri datata tlieta w ghoxrin (23) t'Ottubru 2007, Dok. B li hu kont mahrug mill-Perit William Mifsud rigward ix-xoghlijiet li saru f'isem Thomas Mifsud, Dok. C li hija ittra mibghuta mill-avukat konsulent ta' Thomas Mifsud u Dok. D li hija nota maghmula minn Thomas Mifsud b'risposta ghall-ittra ufficcjali li kien ircieva ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Mark Scerri** xehed nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 w ikkonferma li verament kien gie imqabbad jaghmel xi xoghol mill-konvenut Thomas Mifsud, fis-sens li kellu jnaddaf u jillixxa l-blat w ghalhekk kellu jhaffirlu xi pedamenti qabel u sussegentement kellu jigbor l-materjal sabiex jarmih. Ikkonferma li l-ftehim sar mal-konvenut Thomas Mifsud. Mistoqsi min hu Emanuel Mifsud, jghid li jafu bhala ħu Thomas Mifsud. Mistoqsi jekk qattx tkellem ma dan Emanuel Mifsud fuq il-kwistjoni, wiegeb fin-negattiv, ghalkemm ighid li darba minnhom kien iltaqa' mieghu u ma ħuħ meta kienu qed jiddiskutu l-kwistjoni odjerna bejniethom. Ikkonferma li c-cekk esebit kien ircevih u gie msarraf minn ommu, Irene Scerri. Jghid pero li dan ic-cekk gie moghti lil missieru u qatt ma kien

rah qabel ma kopja tieghu giet esebita l-Qorti. Meta gie muri d-dokument immarkat bhala Dok. CSH a fol 37, ix-xhud ikkonferma li dak inkiteb minnu pero min kiteb il-parti t'isfel, ma jafx fiz-zgur li ma kienx hu.

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza sejra tinghata biss fuq il-kwistjoni jekk l-konvenut huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Jirrizulta mill-provi, li l-atturi kienu gew mqabbda sabiex jaghmlu xi xoghol ghall-konvenut konsistenti fi gbir u rimi ta' materjal minn fuq il-post gewwa t-Triq Monsinjur Alfons Caruana, Mqabba, liema proprjeta tappartjeni lis-socjeta 'Dernis Limited' li taghha l-konvenut huwa Direttur. Jirrizulta bla dubbju, li kien hemm x'intoppi jew ahjar disgwid bejn l-atturi u l-konvenut dwar il-hlas li kien dovut, tant li z-zewg partijiet kienu tkellmu ma xulxin fil-presenza tal-avukati rispettivi taghhom. Jirrizulta wkoll li sahansitra kien hemm anke xi skambjament ta' korrispondenza bejniethom. T'importanza kbira f'dan ir-rigward hija r-risposta li kien baghat l-konvenut ghall-ittra li rcieva minghand l-attur u cioe d-Dok. J. F'din l-ittra jirrizulta li l-konvenut kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta 'Dernis Limited' f'din il-kwisjtoni u li kien informa lil attur dwar dan permezz tal-istess.

Illi ghalhekk l-atturi ma jistghux ighidu li ma kienux jafu li l-konvenut kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta 'Dernis Limited'.

In oltre jirrizulta wkoll li l-pagament li kienu ircevew dwar ix-xoghol minnhom esegwit in konnessjoni ma din il-pendenza, sar minghand is-socjeta 'Dernis Limited.' Ic-cekk fl-ammont ta' elf lira maltin hareg mis-socjeta 'Dernis Limited' u dan gie msarraf mill-mara tal-attur Mark Scerri.

Ghaldaqstant, l-konvenut, fl-ebda stadju ma heba dan il-fatt mill-atturi u kien biss bin-negligenza tal-atturi li m'indunawx b'dan.

Illi ghalhekk, taht dawn ic-cirkostanzi, l-atturi messhom harku lis-socjeta 'Dernis Limited' u mhux lil konvenut personalment.

**Konsegwentement, il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur w ghalhekk qed tilliberah mill-osservanza tal-gudidizzju.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-atturi 'n solidum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------